**PARROCCA SANTA MARGERITA—SANNAT**
**Tel./Fax : 2155 1435. Email: sannatparish@keyworld.net**
**Website : www.sannatparish.com**

**IL-ĦADD, 8.08.10: ID-DSATAX-IL ĦADD MATUL IS-SENA.**
Il-Ġabra li ssir llum waqt il-quddiesa tkun għar-restawri.

**IT-TLIETA, 10.8.10: FESTA TA' SAN LAWRENZ DJAKNU MARTRI.**

**L-ERBGĦA, 11.8.10:** tkun l-aħħar Erbgħa tal-Madonna ta' Pinu. F'din l-okkażjoni Mons. Isqof Mario Grech se jiltaqa' mal-Familji, f'dan is-Santwarju. Din il-laqgħa tibda **Fit-8.30p.m.** bit-Talba tar-Rużarju u wara, Mons. Isqof ipoġġi l-familji kollha taħt il-protezzjoni tal-Madonna Ta' Pinu. Din kienet wkoll l-istedina li għamel il-Papa fit-Talba tal-Anġelus meta kien fostna f'April li għadda.
Nagħmel appell biex ħafna familji jieħdu sehem f'din ċ-ċelebrazzjoni. Speċjalment dawk li soltu jinvistaw il-Madonna fl-Erbgħat jistgħu jħallu din iż-żjara għal dak il-ħin ta' din il-laqgħa mal-Isqof.

**IS-SIBT 14.8.10: VĠILI TA' SANTA MARIJA.**
**Fit-8.15p.m.** Tibda il-Velja Marjana quddiem is-Santwarju tal-Madonna Ta' Pinu.
Ikun hemm Kant u Salmi. Wara tiġi ċċelebrata quddiesa mill-E.T. Mons Mario Grech.
Mill-parroċċa jkun hawn ix-xarabank li titlaq fit-7.45p.m. mill-Pjazza tal-knisja.

**IL-ĦADD, 15.8.10: SOLENNITA' TAL-VERĠNI MARIJA MTELLGĦA S-SEMA. (Santa Marija)**
Xieraq li llum, barra milli nqaddsu din il-ġurnata bil-quddiesa, nagħmlu xi tip ta' qima speċjali lejn Ommna Marija li tant għamlet ma' pajjiżna.

**PELLEGRINAĠĠ GĦAL MALTA**

Nhar it-Tlieta, 17 ta' Awissu Mons. Isqof Mario Grech se jmexxi pellegrinaġġ djoċesan għall-parroċċa ta' Stella Maris, tas-Sliema, Malta. Nitilqu mal-vapur tal-5.15p.m. U niġu lura mal-vapur tal-9.45p.m. Ikun hemm quddiesa.
Il-Biljetti għal dan il-pellegrinaġġ mill-Uffiċċju Parrokkjali mhux iktar tard mill-Ħadd 15 ta' Awwissu.

## META TMUR IL-KNISJA

- Meta tkun sejjer il-knisja tħejja tajjeb għax din hija laqgħa mportanti ħafna ma' Ġesu'.
- Ara li tkun bi lbies pulit u deċenti biex tirrispetta dan il-post qaddis.
- Tħallix għall-aħħar mument li tkun se tibda l-funzjoni, imma aħseb ftit kmieni
- Jekk ikollok bżonn tqerr ara li jkollok ħin biżżejjed biex is-saċerdot ikun jista' jibda fil-ħin.
- Sib post sewwa fil-knisja fejn l-inqas jista' jkollok distrazzjonijiet.
- Mur dispost biex tieħu xi ħaġa miegħek id-dar : xi kelma, riflessjoni, eżempju ta' ħadd, ecc.
- Il-ħin ta' ġol-knisja jrid jimliek b'enerġija spiritwali li tkun kapaċi tirbaħ il-mewġ tal-ħajja.
- Tgħaddix il-ħin kollu ta' ġol-knisja tgħid it-talb. Agħti ftit spazju lis-silenzju biex Ġesu jkun jista jkellmek f'qalbek.
- Meta tiġi biex toħroġ mill-knisja, ara li tħalli kollox bl-ordni u f'postu u tħalli xejn warajk.
- Qatt m'għandek tħalli bibien jissabbtu u ara li ma tagħmel xejn li jista' jikkawża ħsara.
- Il-knisja għandek tqisha bħala d-dar tiegħek.

**ĠABRA:** Il-Ġabra li saret u minn offerti għall-missjoni ta' Dun Guzepp Camiulleri fil-Gwatemala kienet is-somma ta' €340.